MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 65/1996/1

Tarcisio Galea u martu Annunziata sive Nancy Galea

vs

Joseph Buttigieg u martu Carmen Buttigieg

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li taqra:

Illi huma proprjetarji tal-fond u cioe' tad-dar bl-isem "Mountain Lodge" fi Triq l-Eghjjun, Xaghra, Ghawdex, u tmiss nofsinhar mat-triq imsemmija, tramuntana ma' proprjeta tal-konvenut u lvant in parti mal-proprjeta' tal-konvenuti u in parti ma' passagg privat;

Illi recentement u cioe' s-Sibt 17 ta' Frar 1996, il-konvenut Joseph Buttigieg dahal fil-proprjeta' tal-atturi u waqqa' parti mill-hajt tas-'side-garden' u cioe' l-parti tal-hajt li tikkonfina mal-istess proprjeta'tal-atturi n-naha tax-Xlokk – ara pjanta dok.A – billi saq diversi drabi bil-vettura tieghu Land Rover K-2273 ghal go l-istess hajt bil-konsegwenza wkoll illi caqlaq l-istabilita' tal-istess hajt kif jiccertifika l-Perit Arkitett Joseph P.Dimech;

Illi bl-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll vjolent u klandestin a dannu tal-istess atturi;

Talbu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi bl-agir tieghu, l-konvenut Joseph Buttigieg, ikkommetta spoll vjolent u klandestin a dannu tal-atturi;
2. tikkundanna lill-istess konvenut jispurga l-ispoll minnu kommess;
3. tikkundanna lill-istess konvenut jerga' jibni l-hajt kif kien qabel ma waqqghu fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss u dan taht is-supervizzjoni ta' perit nominand;
4. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet riparatorji kollha a spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharkin.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda u b'dokument wiehed.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi ma jissusistux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jirradikaw kawza ta' spoll;
2. illi minghajr pregudizzju ghall-premess li kienu proprju l-atturi li bl-agir abbuziv u illegali taghhom spoljaw

lill-konvenuti billi ppruvaw juzurpaw parti mill-proprjeta' ppossjeduta mill-konvenuti u dan waqt li fl-istess zmien kien hemm pendenti bejn il-partijiet kawza sabiex jigu delimitati l-konfini ta' bejnithom;

3. illi inoltre l-istess xoghlijiet mill-atturi saru bi ksur ta' divjet espress impost minn din l-istess Qorti fuq l-atturi sabiex ma jaghmlux xoghlijiet bi pregudizzju ghall-meritu tal-kawza fuq imsemmija.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ezaminat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Ikkonsidrat.

Mill-provi f'din il-kawza ghandu jirrisulta wisq car illi mit-tlett rekwisti li jikkaratterizaw l-azzjoni tentata mill-attur hu l-element tal-pussess li hu decisiv ghall-ezitu tal-kawza. Dan ghaliex iz-zewg elementi kostituttivi l-ohra jinsabu ben solidifikati. Difatti m'hemm ebda dubbju, 'dato ma non koncesso' f'dan l-istadju, li l-pussess tal-art ossija strombatura kienet tal-atturi, li l-att spoljattiv gie kommess mill-konvenut u li l-azzjoni esperita saret ben entro z-zmien ta' xahrejn minn tali att.

Din l-azzjoni hi wahda possessorja u fi kliem Andrea Torrente "il possessore spogliato o molestato nel suo possesso e' tutelato in se' e per se' a prescindere dal vedere se ha veramente la proprieta' o un diritto reale" bil-konsegwenza illi l-element tal-pussess tal-haga fl-ispoljat huwa l-aktar fattur primarju biex tirnexxi azzjoni ta' din ix-

xorta u m'ghandu ebda rilevanza jekk l-ispoljat huwiex proprjetarju tal-haga li minnha gie spoljat. Difatti nghad diversi drabi mill-qrati ta' dawn il-Gzejjer illi l-azzjoni hi eminentement intiza biex tipproteggi l-ordni pubbliku ossija li hadd ma jiehu l-ligi b'idejh u "b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setghax jesercitah u jesercitah minghajr l-intervent tal-qorti" (*Appell Muscat v Farrugia 24.11.1957).*

Jinnecessita' ghalhekk tigi ezaminata l-konsistenza u l-import ta' x'hiex jikkostitwixxi fil-ligi dan l-element tal-pussess. Applikati imbaghad il-principji legali ghall-provi sottomessi in atti jigi determinat jekk l-atturi irnexxilhomx fil-prova li fil-mument tal-azzjoni spoljattiva tal-konvenut huma kienux fil-pussess ta' l-istrombatura u jekk ghandhomx konsegwentement jigu tutelati fil-pussess minnhom reklamat. Il-gurisprudenza lokali hija esawrjenti u preciza dwar x'ghandu jikkonsisti pussess ghal finijiet ta' spoll.

Rassegnja tal-principji ennunzjati u ri-affermati mill-gurisprudenza kopjuza f'dan il-kamp jaffermaw illi:

i. dan l-element tal-pussess jigi sufficjentement sodisfatt ukoll bis-semplici detenzjoni u dan ukoll jekk din id-detenzjoni tkun prekarja, igifieri, minghajr kawza guridika (Vol*.XXXVIII.i.123 PA, Farrugia et v Farrugia, deciza 30 ta' April 2004)*); eskluz huwa dak il-pussess bazat fuq mera tolleranza li ma jistax jaghti aditu ghall-azzjoni ta' spoll; ghalhekk pussess kwalunkwe, anke purament materjali u di fatto, qasir hafna, u sahansitra momentanju, huwa sufficjenti, basta li jkun univoku..(*Vol.XXXII.ii.642/ Vol.LXXXIII.ii.79)*;

ii. l-pussess tutelabbli huwa kwalunkwe pussess purke' jkun materjali u di fatto,
univoku u manifest; l-univocita' ta' tali pussess jew detenzjoni ghandha
tirrizulta cara mill-fatti;

iii. l-pussess ghandu jkun 'vi aut clam' u ghandu jsir kontra l-volonta' tal-ispoljat; spoll vjolenti u klandestin

jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li ‘marte prorio’ jmur kontra l-persuna spoljata (*Vol.XLI.ii.1133*); ir-rekwiziti ta’ vjolenza u klandestinita’ mhux mehtieg li jikkonkorru f’daqqa, izda wahda jew l-ohra huma sufficjenti (*Vol.XLVI.i.19*);

iv. in virtu tal-Artikolu 791 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili il-qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll;

v. t-talba jehtieg li tkun ghar-reintegrazzjoni ta’ l-attur fl-istat possessorju li kien fih qabel ma sehh il-fatt – ‘spoliatus ante omnia restituendus’;

vi. l-‘autodifesa’ ossia l-opposizzjoni ghall-vjolenza ‘in continenti’ u mhux ukoll ‘ex intervallo’ hija ammessa basta jkun hemm l-immedjatezza u d-difesa tal-pussess f’dak li jirrjejaggixxi u jiddefendi l-pussess tieghu;

*vii.* kull indagni dwar l-antecedenti ghall-ispoll meritu tal-kawza huma inutili u lanqas huma permessi mill-ligi (*Vol LXXII.ii.499);*

viii. li mhux konsentit lill-konvenut li jikkampa fuq id-difiza li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagni tal-legittimita’ jew le hija riservata ghall-gudizzju petitorju ( *Vol XXXVI.iii.617*);

Issa din l-vertenza mhiex dwar jekk l-attur ghandux titolu ta’ proprjeta’ tal-istrombatura u allura jekk meta xtara l-art u bena fuqha l-istrombatura kinitx inkorporata fl-art li xtara. Dak li jghid il-perit, xhud tieghu stess, dwar li ma kinitx tifforma parti mill-art akkwistata m’ghandu jkollu ebda rilevanza f’kawza possessorja bhal ma hi din il-kawza ta’ spoll. L-attur jirnexxi fil-kawza jekk jipprova li huwa kien possessor jew detentur tal-istrombatura fil-hin li l-konvenut, kontra l-volonta’ tieghu, ikkommetta l-att spoljattiv. Kif diga nghad ghal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet element tal-ispoll m’hemmx dubbju li jirrisultaw wisq cari. Mill-provi prodotti din il-Qorti hi sodisfatta li jirrisulta wkoll l-element tal-pussess jew detenzjoni mill-attur tal-arja intiza bhala strombatura u ppjantata bhala tali mill-Awtorita’ tal-Ippjanar li in segwitu ghal talba mill-attur

accettat li tigi inkorporata bhala estensjoni tal-gjardina tieghu (ara dok.NG3 folio 55).

Illi ghal fini ta’ dan l-ispoll, li skond l-attrici, sar xi sieghat wara li kien tlesta l-hajt ghat-tikhil, lanqas mhi din il-Qorti tidendifika xi pussess fuqha li seta’ kellhu jew jivvanta l-konvenut bil-fatt biss illi hu kien jghaddi minn fuqha meta kienet ghadha ppjanata strombatura. Fiz-zgur il-konvenut ma kien qatt u ma seta’ qatt igawdi xi jedd in forza ta’ liema seta’ kiseb il-proprjeta’ u li kien jezercita jew izomm dan il-jedd, talvolta minnu pretiz, bhala tieghu innifsu. Dak li huwa meritu tal-kawza petitorja rigward delimitazzjoni ta’ konfini, li sar accenn ghaliha f’din il-kawza, m’ghandhu l-ebda rilevanza hawnhekk, ‘multo magis’ meta lanqas hu stabbilit liema parti mill-konfini qed jigi disputat. Anzi, kollox jidher li lis-strombatura talvolta ittiehdet mill-art li l-attur jghid li hija tieghu u m’ghandhiex taqsam ma’ xi art li fuqha hemm il-kawza ghad-delimitazzjoni tal-konfini. Almenu dan ma johrogx car mill-provi prodotti.

Illi ghandu jirrisulta fic-car li l-ispoll ikkommettih l-konvenut minghajr ma kellha x’taqsam martu li kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, taqta’ u tiddecidi l-kawza billi tilqa t-talbiet tal-atturi. Tiddikjara l-konvenut hati li kkommetta spoll vjolent u klandestin fil-konfront tal-atturi. Tikkundanna l-konvenut jispurga l-ispoll minnhu kommess zmien gimghatejn mill-lum taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-Perit Joseph Mizzi li qieghed jigi appositament nominat. Tawtorizza lill-atturi li fin-nuqqas jaghmlu x-xoghlijiet huma stess a spejjez tal-konvenut Joseph Buttigieg u dana sakemm il-hajt ghadu ma inbeniex u, jekk il-kaz, tirriserva lill-atturi kull jedd ghad-danni ‘si et quatenus’.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut Joseph Buttigieg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------